DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

11 ta' Settembru 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni – Proċedura nazzjonali intiża għall-ħatra ta' rappreżentant għal persuna b'diżabbiltà mentali – Diffikultà biex jinstab rappreżentant adegwat – Dubji dwar in-natura ġudizzjarja tal-proċedura quddiem l-organu tar-rinviju"

Fil-Kawża C-406/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bezirksgericht Linz (il-Qorti Distrettwali ta' Linz, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Ġunju 2024, fil-proċedura dwar il-ħatra ta' kuratur ġudizzjarja għal

RC,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

VertretungsNetz, stabbilita f'Linz (l-Awstrija),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. Kumin, President tal-Awla, T. von Danwitz (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, u S. Gervasoni, Imħallef,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, konformement mal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 sa 5, 12, 19 u 28 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, konkluża fi New York fit-13 ta' Diċembru 2006 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 (ĠU 2010, L 23, p. 35, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà"), tal-Artikoli 1, 20, 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), kif ukoll tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 6(3) TUE, b'mod partikolari tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, ta' effett utli u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura mibdija *ex officio* mill-Bezirksgericht Linz (il-Qorti Distrettwali ta' Linz, l-Awstrija), dwar il-ħatra ta' kuratur ġudizzjarju għal RC.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

3 Konformement mal-Artikolu 1 tiegħu, l-għan tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà huwa li "tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabbiltà, u li tippromwovi ir-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom".

4 L-Artikolu 2 ta' din il-konvenzjoni, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

[…]

'Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà' tfisser kwalunkwe distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà li għandha l-għan jew effett li tfixkel jew ixxejjen l-għarfien, it-tgawdija jew l-eżerċitar, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha fil-qasam politiku, ekonomiku, soċjali, kulturali, ċivili jew fi kwalunkwe qasam ieħor. Din tinkludi il-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluża ċ-ċaħda ta' aġevolezza raġonevoli;

'Akkomodazzjoni [aġevolezza] raġonevoli' tfisser modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabbiltà jistgħu jgawdu u jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha.

[…]"

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmija konvenzjoni, bit-titolu "Prinċipji ġenerali", jipprovdi:

"Il-prinċipji ta' din il-Konvenzjoni għandhom ikunu:

[…]

b) Nuqqas ta' diskriminazzjoni;

c) Parteċipazzjoni u inklużjoni sħiħa u effettiva fis-soċjetà;

[…]

e) Opportunitajiet indaqs;

f) Aċċessibbiltà;

[…]"

6 L-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, intitolat "Obbligi ġenerali" huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Partijiet jintrabtu li jiżguraw u jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha għall-persuni b'diżabbiltà kollha mingħajr diskriminazzjoni ta' ebda tip fuq il-bażi ta' diżabbiltà. Għal dan il-għan, l-Istati Partijiet jintrabtu:

a) Li jadottaw miżuri leġiżlattivi, amministrattivi u miżuri oħra adegwati għall-implimentazzjoni tad-drittijiet rikonoxxuti f'din il-Konvenzjoni;

b) Li jieħdu l-miżuri adegwati kollha, inkluża leġiżlazzjoni, biex jimmodifikaw jew ineħħu liġijiet, regolamenti, konswetudnijiet u prattiċi eżistenti li jikkostitwixxu diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà;

[…]"

7 L-Artikolu 5 ta' din il-konvenzjoni, intitolat "Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni", jipprevedi fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. L-Istati Partijiet jagħrfu li l-persuni kollha huma ugwali quddiem u taħt il-liġi u huma intitolati mingħajr kwalunkwe diskriminazzjoni għall-protezzjoni ugwali u għal benefiċċju ugwali tal-liġi.

2. L-Istati Partijiet għandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà u jiggarantixxu lill-persuni b'diżabbiltà protezzjoni legali li hija ugwali u effettiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi.

3. Sabiex jippromwovu l-ugwaljanza u jeliminaw id-diskriminazzjoni, l-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha adegwati biex jiżguraw li tingħata aġevolezza raġonevoli."

8 L-Artikolu 12 tal-imsemmija konvenzjoni, intitolat "Għarfien ugwali quddiem il-liġi" jipprovdi fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. L-Istati Partijiet għandhom jagħrfu li l-persuni b'diżabbiltà jgawdu kapaċità legali fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fl-aspetti kollha tal-ħajja.

3. L-Istati Partijiet għandhom jieħdu miżuri adegwati biex jipprovdu aċċess mill-persuni b'diżabbiltà għall-appoġġ li jista' jkollhom bżonn biex jeżerċitaw il-kapaċità legali tagħhom."

9 Konformememnt mal-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, intitolat "Għajxien indipendenti u inklużjoni fil-komunità", l-Istati Partijiet ta' din il-Konvenzjoni "jagħrfu d-dritt ugwali tal-persuni kollha b'diżabbiltà li jgħixu fil-komunità, b'għażliet ugwali bħal ħaddieħor, u għandhom jieħdu miżuri adegwati u effettivi biex iħaffu t-tgawdija sħiħa mill-persuni b'diżabbiltà ta' dan id-dritt u tal-inklużjoni u l-parteċipazjoni tagħhom b'mod sħiħ fil-komunità […]".

10 L-Artikolu 28 ta' din il-konvenzjoni, intitolat "Livell ta' għajxien u protezzjoni soċjali adegwati", jipprovdi, fil-paragrafu (1) tiegħu:

"L-Istati Partijiet jirrikonoxxu d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għal livell ta' għajxien adegwat għalihom u għall-familji tagħhom, inkluż ikel, ilbies u akkomodazzjoni adegwati, u għat-titjib kontinwu tal-kondizzjonijiet tal-għajxien, u għandhom jieħdu passi adegwati biex iħarsu u jippromwovu l-kisba ta' dan id-dritt mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabbiltà."

Id-dritt Awstrijak

11 L-Artikolu 271 tal-Allgemeines bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġenerali, iktar 'il quddiem l-"ABGB") huwa fformulat kif ġej:

"Kuratur ġudizzjarju għandu jiġi assenjat mill-qorti lil persuna maġġorenni, fuq talba tagħha jew *ex officio*, sa fejn

1. hija ma tistax tieħu ħsieb ċerti kwistjonijiet mingħajr riskju ta' dannu għaliha nnifisha minħabba marda mentali jew insuffiċjenza simili tal-kapaċità tagħha li tieħu deċiżjoni,

2. hija ma għandhiex rappreżentant għal dan l-għan,

3. hija ma tistax jew ma tridx tagħżel wieħed, u

4. il-ħatra ta' kuratur legali ma hijiex possibbli."

12 Skont l-Artikolu 272(1) tal-ABGB, "[k]uratur ġudizzjarju jista' jinħatar biss għal kwistjonijiet individwali jew għal ċerti kategoriji ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati fil-preżent u li għandhom jiġu indikati b'mod preċiż".

13 L-Artikolu 274 tal-ABGB jipprevedi:

"(1) Tingħata prijorità bħala kuratur, bil-kunsens tagħha, il-persuna maħtura bis-saħħa ta' prokura għal kura, ta' ftehim ta' kustodja jew ta' istruzzjoni ta' kustodja.

(2) Jekk tali persuna ma tkunx disponibbli jew adegwata, għandha tinħatar persuna qrib il-maġġorenni u kapaċi teżegwixxi l-kompitu bil-kunsens tagħha.

(3) Jekk il-ħatra ta' tali persuna ma tkunx possibbli, għandha tinħatar assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-adulti bil-kunsens tagħha.

(4) Jekk il-ħatra ta' assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-adulti lanqas ma tkun possibbli, għandu jinħatar – konformement mal-Artikolu 275 – nutar (nutar bi prova) jew avukat (avukat bi prova) jew, bil-kunsens tagħha, persuna oħra adegwata.

(5) Nutar (nutar bi prova) jew avukat (avukat bi prova) jinħatar bi prijorità fuq oħrajn meta l-ġestjoni tal-kwistjonijiet teħtieġ prinċipalment għarfien legali, u assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-adulti […] tinħatar bi prijorità fuq oħrajn meta l-kustodja tkun assoċjata, barra minn hekk, ma' rekwiżiti partikolari."

14 Skont l-Artikolu 275(1) tal-ABGB, nutar jew avukat, li ma jkunx inkluż b'mod regolari fil-lista tal-avukati jew tan-nutara speċifikament ikkwalifikati sabiex iwettqu kompiti ta' kustodja fuq il-bażi ta' prokura għal kura u ta' kustodja ġudizzjarja, jista' jirrifjuta l-kustodja ġudizzjarja, b'mod partikolari, jekk il-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma tkunx teħtieġ prinċipalment għarfien legali.

Il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Lulju 2022, il-Bezirksgericht Linz (il-Qorti Distrettwali ta' Linz), l-organu tar-rinviju f'din il-kawża, fetħet *ex officio* proċedura intiża sabiex teżamina n-neċessità li jinħatar kuratur ġudizzjarju għal RC.

16 L-organu tar-rinviju għandu l-intenzjoni li jaħtar kuratur ġudizzjarju għal RC biex jamministra l-kwistjonijiet ta' din il-persuna li ma jeħtiġux prinċipalment għarfien legali fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, RC talab ukoll tali appoġġ.

17 Skont l-indikazzjonijiet li jinsabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari, sa minn Ottubru 2022 il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża u hemm lok li jinħatar kuratur ġudizzjarju għal RC. Madankollu, l-organu tar-rinviju ma seta' jaħtar ebda waħda mill-persuni fiżiċi u mill-assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-adulti msemmija fl-Artikolu 274(1) sa (3) tal-ABGB bħala kuratur ġudizzjarju ta' RC, fl-assenza tal-kunsens meħtieġ mingħand dawn il-persuni u assoċjazzjonijiet, għal dan l-għan, minn dawn id-dispożizzjonijiet. Skont l-Artikolu 274(4) tal-ABGB, dan l-organu, sussegwentement, avviċina lil nutara u lil avukati. Issa, ebda wieħed minn dawn tal-aħħar ma aċċetta l-kustodja minħabba li l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ta' RC ma kinitx teħtieġ prinċipalment għarfien legali, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 275 tal-ABGB.

18 L-organu tar-rinviju għandu dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali mal-Artikoli 3 sa 5, 12, 19 u 28 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 1, 20, 21 u 26 tal-Karta kif ukoll mal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, ta' effett utli u ta' protezzjoni ġudizzjarja.

19 Huwa jqis li, konformement mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u d-drittijiet u l-prinċipji l-oħra tad-dritt tal-Unjoni msemmija fil-punt preċedenti jipprevalu fuq id-dritt tal-Istati Membri, li għandu jibqa' mhux applikat f'każ ta' kunflitt.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bezirksgericht Linz (il-Qorti Distrettwali ta' Linz) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mal-'prinċipji ġenerali' tal-[Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà], stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din il-konvenzjoni, u b'mod iktar preċiż mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' parteċipazzjoni u integrazzjoni sħiħa u effettiva fis-soċjetà, tar-rispett tad-differenza u tal-aċċettazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà bħala li jagħmlu parti mid-diversità umana u mill-umanità, mal-opportunitajiet indaqs u aċċessibbiltà, li huma stabbiliti fih?

2) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mal-'obbligi ġenerali' tal-[Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà], stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' din il-konvenzjoni, u b'mod iktar preċiż mal-prinċipji stabbiliti fiha, u li abbażi tagħhom l-Istati Partijiet jintrabtu li jadottaw il-miżuri kollha adegwati ta' natura leġiżlattiva, amministrattiva jew ta' natura oħra sabiex jimplimentaw id-drittijiet irrikonoxxuti f'din il-konvenzjoni u li jieħdu l-miżuri kollha adegwati, inklużi miżuri leġiżlattivi, sabiex jemendaw, iħassru jew jabolixxu l-liġijiet, ir-regolamenti, il-konswetudinijiet u l-prattiki li joħolqu diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni b'diżabbiltà?

3) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 5 tal-[Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà], u b'mod iktar preċiż mal-obbligu, stabbilit fih, li l-[Istati Partijiet jagħrfu li] il-persuni kollha huma ugwali quddiem il-liġi u abbażi tagħha u għandhom dritt mingħajr diskriminazzjoni għal protezzjoni ugwali u għal benefiċċju ugwali tal-liġi, u li dawn l-Istati għandhom jipprojbixxu kull diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà u jiggarantixxu lill-persuni b'diżabbiltà protezzjoni ġuridika ugwali u effettiva kontra kull diskriminazzjoni, tkun xi tkun il-bażi tagħha?

4) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista

minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit fl-Artikolu 12 tal-[Konvenzjoni tal-ONU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà], u b'mod iktar preċiż mar-rikonoxximent mill-Istati Partijiet tal-fatt li l-persuni b'diżabbiltà għandhom kapaċità ġuridika fl-oqsma kollha tal-ħajja, fuq il-bażi ta' ugwaljanza ma' ħaddieħor, u li dawn l-Istati għandhom jieħdu miżuri adegwati sabiex jagħtu lill-persuni b'diżabbiltà aċċess għall-appoġġ li huma jista' jkollhom bżonn sabiex jeżerċitaw il-kapaċità ġuridika tagħhom, li hija stabbilita fih?

5) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mal-obbligu ta' inklużjoni [fis-soċjetà] stabbilit fl-Artikolu 19 tal-[Konvenzjoni tal-ONU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà], li jipprevedi li l-Istati Partijiet għal din il-konvenzjoni għandhom jirrikonoxxu lill-persuni kollha b'diżabbiltà d-dritt li jgħixu fis-soċjetà, bl-istess libertà ta' għażla bħall-persuni l-oħra, u għandhom jieħdu miżuri effikaċi u adegwati sabiex jiffaċilitaw lill-persuni b'diżabbiltà t-tgawdija sħiħa ta' dan id-dritt kif ukoll l-integrazzjoni sħiħa u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà?

6) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 2[8] tal-[Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà], li jipprovdi li l-Istati Partijiet għandhom jirrikonoxxu d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għal livell ta' għajxien adegwat għalihom stess u għall-familji tagħhom, b'mod partikolari ikel, ilbies u akkomodazzjoni adegwati, u għal titjib kontinwu tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom u għandhom jieħdu miżuri adegwati sabiex jipproteġu u jippromwovu l-eżerċizzju ta' dan id-dritt mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà?

7) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li jipprovdu li d-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli u għandha tiġi rrispettata u protetta (Artikolu 1), il-persuni kollha huma ugwali quddiem il-liġi (Artikolu 20), hija pprojbita kull diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq diżabbiltà (Artikolu 21) u [l-Unjoni tirrikonoxxi] id-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza tagħhom, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità (Artikolu 26)?

8) Leġiżlazzjoni nazzjonali (Artikoli 274 u 275 tal-ABGB) li ma tipprevedix, bħala konsegwenza legali, lil min il-qorti għandha taħtar bħala rappreżentant ta' persuna vulnerabbli, meta l-[membri] tal-kategoriji professjonali tan-nutara jew tal-avukati, inklużi l-kandidati għall-eżerċizzju ta' dawn il-professjonijiet, imsejħa fl-aħħar nett fl-ordni ta' ħatra prevista minn din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jinvokaw bħala raġuni għal rifjut li 'l-ġestjoni tal-kwistjonijiet ma teħtieġx prinċipalment għarfien legali', hija kompatibbli mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 6(3) TUE, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' ugwaljanza u mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, mal-obbligu li d-dritt tal-Unjoni jingħata effett utli u li jiġu protetti d-drittijiet mogħtija minnu ('prinċipju ta' effettività') kif ukoll mal-obbligu ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva?"

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21 Fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, l-organu talab l-applikazzjoni għal din il-kawża tal-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

22 Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li jingħata digriet motivat skont l-Artikolu 53(2) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, ma hemmx iktar bżonn li tingħata deċiżjoni fir-rigward ta' din it-talba.

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

23 Skont l-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta talba għal deċiżjoni preliminari tkun manifestament inammissibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura.

24 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata fil-kuntest ta' din il-kawża.

25 Preliminarjament, l-indikazzjonijiet li jinsabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari jqajmu l-kwistjoni dwar jekk, meta tiġi adita bi proċedura li tirrigwarda l-ħatra ta' kuratur ġudizzjarju, il-Bezirksgericht Linz (il-Qorti Distrettwali ta' Linz) tistax titqies li hija "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE meta tiddeċiedi fil-kuntest ta' proċedura intiża għal adozzjoni ta' deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja. Madankollu, ma huwiex neċessarju li jiġi deċiż dan il-punt ta' liġi fil-kuntest ta' din il-kawża, peress li d-domandi preliminari kollha huma inammissibbli għal raġunijiet oħra.

26 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni. Minn dan isegwi li d-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss meta jkun evidenti li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda konnessjoni mal-fatti jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew

inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli d-domandi li sarulha (sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Groenland Poultry, C-169/22, EU:C:2023:638, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 F'dan ir-rigward, in-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li din tirrispetta b'mod strett ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari u li jinsabu b'mod espliċitu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-qorti tar-rinviju hija mistennija li tkun taf bihom (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2024, FA.RO. di YK & C., C-16/23, EU:C:2024:886, punt 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Dawn ir-rekwiżiti, barra minn hekk, huma mfakkra fil-punti 13, 15 u 16 tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari (ĠU 2019, C 380, p. 1), li issa jinsabu fil-punti 13, 15 u 16 tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari (ĠU C, C/2024/6008).

28 Għalhekk, skont l-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura, huwa indispensabbli li d-deċiżjoni tar-rinviju stess tinkludi l-espożizzjoni tal-motivi li wasslu lill-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (sentenza tat-8 ta' Mejju 2024, Instituto da Segurança Social *et*, C-20/23, EU:C:2024:389, punt 49).

29 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-informazzjoni fid-deċiżjonijiet tar-rinviju għandha tippermetti, minn naħa, lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli għad-domandi magħmula mill-qorti nazzjonali u, min-naħa l-oħra, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll lill-partijiet interessati l-oħra, jeżerċitaw id-dritt mogħti lilhom mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura li dan id-dritt jiġi ssalvagwardat, fid-dawl tal-fatt li, skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjonijiet tar-rinviju biss huma kkomunikati lill-partijiet ikkonċernati (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2024, SISTEM LUX, C-717/22 u C-372/23, EU:C:2024:1041, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, permezz tal-ewwel sas-sitt domanda tiegħu, l-organu tar-rinviju jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar jekk l-Artikoli 3 sa 5, 12, 19 u 28 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirregola r-rappreżentanza tal-persuni b'diżabbiltà.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li għalkemm ir-rappreżentanza ta' persuni b'diżabbiltà taqa' taħt il-kompetenza ta' kull Stat Membru, din il-kompetenza għandha tiġi eżerċitata fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2024, KUBERA, C-144/23, EU:C:2024:881, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-29 ta' April 2025, Il-Kummissjoni vs Malta (Ċittadinanza b'investiment), C-181/23, EU:C:2025:283, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Ċertament, peress li l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà ġiet approvata f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni 2010/48, id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni jagħmlu parti integrali, sa mid-dħul fis-seħħ tal-imsemmija deċiżjoni, mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, Nobel Plastiques Ibérica, C-397/18, EU:C:2019:703, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Madankollu, din il-konvenzjoni tikkostitwixxi ftehim imħallat konkluż mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha skont kompetenza kondiviża. Issa, fir-rigward ta' tali ftehimiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 267 TFUE, għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddetermina l-linja ta' qsim bejn l-obbligi li l-Unjoni tassumi u dawk li jibqgħu biss tal-Istati Membri, kif ukoll sabiex tinterpreta għal dan l-għan id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim. Sussegwentement, hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' ftehim imħallat meta dawn jaqgħu f'qasam li fih l-Unjoni eżerċitat il-kompetenza tagħha u adottat dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie, C-240/09, EU:C:2011:125, punti 31, 32 u 34, kif ukoll tal-14 ta' Lulju 2022, ÖBB-Infrastruktur Aktiengesellschaft, C-500/20, EU:C:2022:563, punti 40 u 41).

34 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kwistjoni speċifika rregolata minn ftehimiet konklużi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni, minkejja li għadha ma kinitx is-suġġett ta' leġiżlazzjoni tagħha, meta din il-kwistjoni tkun tikkonċerna qasam fil-parti l-kbira tiegħu kopert minn dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie, C-240/09, EU:C:2011:125, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li meta dispożizzjoni ta' ftehim internazzjonali tkun tista' tiġi applikata kemm għal sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali kif ukoll għal sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, ikun jeżisti interess ċert sabiex, bl-għan li jiġu evitati diverġenzi futuri ta' interpretazzjoni, din id-dispożizzjoni tingħata interpretazzjoni uniformi, irrispettivament mill-kundizzjonijiet li fihom hija tkun ser tiġi applikata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, ÖBB-Infrastruktur Aktiengesellschaft, C-500/20, EU:C:2022:563, punti 42 u 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

36 Issa, għandu jiġi kkonstatat li t-talba għal deċiżjoni preliminari manifestament ma tinkludix l-informazzjoni neċessarja li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 33 sa 35 ta' dan id-digriet. B'mod partikolari, l-organu tar-rinviju ma stabbilixxiex l-eżistenza ta' rabta bejn id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif meħtieġ minn din l-istess ġurisprudenza.

37 Fil-fatt, għalkemm, permezz tal-ewwel sas-sitt domanda tiegħu, l-organu tar-rinviju jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eventwali obbligi fir-rigward tar-rappreżentanza tal-persuni b'diżabbiltà li jirriżultaw, jekk ikun il-każ, mill-imsemmija konvenzjoni, huwa jagħmel riferiment biss, fit-talba tiegħu għal deċiżjoni preliminari, għall-Artikoli 3 sa 5, 12, 19 u 28 ta' din l-istess konvenzjoni, mingħajr madankollu ma jispeċifika kif il-kwistjonijiet imqajma b'dan il-mod jaqgħu taħt dispożizzjoni speċifika adottata mill-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha jew f'qasam kopert fil-parti l-kbira tiegħu mid-dritt tal-Unjoni.

38 It-talba għal deċiżjoni preliminari lanqas ma tinkludi indikazzjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba jistgħux japplikaw kemm għal sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali kif ukoll għal sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni.

39 Minn dan jirriżulta li, fir-rigward tal-ewwel sas-sitt domanda, it-talba għal deċiżjoni preliminari manifestament ma tosservax ir-rekwiżiti mfakkra fil-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 27 u 28 ta' dan id-digriet.

40 Permezz tas-seba' u tat-tmien domanda tiegħu, l-organu tar-rinviju jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar jekk id-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 1, 20, 21 u 26 tal-Karta kif ukoll ċerti prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, il-prinċipju tal-effett utli u l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jipprekludux il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

41 Madankollu, għandu jitfakkar ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, sa fejn hija kkonċernata l-azzjoni tal-Istati Membri, huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati lill-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni biss, liema dispożizzjoni tikkonferma l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li tipprovdi li d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma intiżi li japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, iżda mhux lil hinn minn dawn is-sitwazzjonijiet. Għall-kuntrarju, meta sitwazzjoni legali ma tkunx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha u d-dispożizzjonijiet eventwalment invokati tal-Karta ma jistgħux, fihom innifishom, jistabbilixxu dik il-ġurisdizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et*, C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 33; tat-13 ta' Jannar 2022, Marcas MC, C-363/20, EU:C:2022:21, punti 33 sa 36, kif ukoll tal-25 ta' Jannar 2024, Parchetul de pe lângă Curtea de Apel Craiova, C-58/22, EU:C:2024:70, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 F'dan il-każ, għalkemm l-organu tar-rinviju jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif ukoll tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni msemmija fil-punt 40 ta' dan id-digriet, huwa ma jispjegax ir-rabta li huwa jistabbilixxi bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-proċedura fil-kawża prinċipali u regola tad-dritt tal-Unjoni minbarra dawk inklużi fil-Karta jew fl-imsemmija prinċipji ġenerali.

43 Għalhekk, fir-rigward tas-seba' u tat-tmien domanda, it-talba għal deċiżjoni preliminari manifestament ma tosservax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura, moqri flimkien mal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija, skont l-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura, manifestament inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem l-organu tar-rinviju, huwa dak l-organu li jiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tiddikjara:

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bezirksgericht Linz (il-Qorti Distrettwali ta' Linz, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju 2024, hija manifestament inammissibbli.

Firem